# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


MINUTI

Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 01

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 06 ta' April 2021

Din il-laqgħa saret onlajn fis-6.30 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 1.1 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa qed tinżamm skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'April trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati il-Pjan ta' Ħidma, ir-Rapport finanzjarju u r-Rapport Amministrattiv.

1.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa ser ikunu qed jiġu preżentati u diskussi dawn it-tlett rapporti. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikunu qed jingħataw klarifikazzjonijiet għal mistoqsijiet tar-residenti li huma relatati ma' dawn ir-rapporti.

## 1.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa

2.2.1 Is-Sindku, ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex taqra l-minuti numru 02 ta' l-aħħar laqgħa tal-lokalita', li kienet saret l-Erbgħa 09 ta' Diċembru 2020. Dawn il-minuti ġew approvati fuq proponiment tas-Sur Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

**Waqt li kienu qed jinqraw il-Minuti, is-Sindku is-Sur Anthony Dalli, ġibed l-attenzjoni li preżenti onlajn waqt din il-laqgħa kien qed isegwi l-President tar-Reġjun Ċentru, s-Sur Michael Fenech Adami, u sellimlu f'isem il-kunsill lokali kollu. Is-Sindku qal li hu huwa membru fir-Reġjun Ċentru u bis-saħħa tar-Reġjun, l-kunsill qed jipparteċipa fi diversi nizjattivi li minnhom qed jibbenifika l-lokal kollu fis-sens ta' titjieb fir-raħal u għajnuna benefiċċjarja għar-residenti.**

## 1.3 Preżentazzjoni: Pjan ta' Ħidma 2021-2025, Rapport Finanzjarju 2020 u Rapport Amministrattiv 2020

1.3.1.1 <u>Pjan ta' ħidma 2021-2025</u>
L-ewwel rapport li ġie ppreżentat f'din il-laqgħa kien il-pjan ta' ħidma li għamel il-kunsill għal perjodu minn 2021 sa 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport fih jinvolvi lista ta' proġetti li bi ħsiebu jwettaq l-kunsill tul il-ħamis snin li ġejjien. Hija spjegat kif il-kunsill ser iwettaq proġetti li jiflaħ għalihom fuq bażi tad-dħul li huwa għandu mill-allokazzjoni mgħottija mill-Gvern Lokali u minn fondi oħra li ser jakkwista bil-kapaċita tiegħu minn diversi skemi jew fondi li jiġu ppubblikati tul is-snin, kemm li huma offruti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mir-Reġjun Ċentru u anke minn diversi entitajiet oħra.

1.3.1.2 Fost il-proġetti li għandu ħsieb iwettaq il-kunsill lokali nsibu: Bini ġdid tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali; Uċuħ ġodda tat-toroq fir-raħal; Tranġar ta' pavimentar u bankini aċċessibli fir-raħal eżempju tibdil tal-pavimentar mit-Torri l-isfel; Titjieb tas-sistema tat-traffiku fir-raħal kollu speċjalment fi Triq Annibale Preca; Akwistar ta' Fondi speċjali eżempju fondi tal-EU jew fondi mill-Arpa għal tranġar tal-ħitan tas-sejjieħ, fondi għal green walls u ħafna aktar; Il-Proġett ta' restawr fuq it-Torri Belvedere li diġa beda bl-għajnuna tal-MTA; restawr fuq il-Mitħna ukoll li hija devolutha lil kunsill bħal ma huwa t-Torri, titjieb fl-infrastruttura tar-raħal; għamara tat-triq ġdida u sinjali ġodda skond il-bżonn; aktar titjieb fil-ġonna u fil-qasam tal-Gvern u tħejjija ta' aktar programmi edukattivi u ambjentali.

1.3.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport huwa aċċessibbli fuq is-sit uffiċċjali tal-Gvern lokali fejn kulħadd jista faċilment jagħti daqqa t'għajn f'aktar dettal tal-figuri nklużi f'dan ir-rapport.

1.3.1.4 Fil-qosor is-Sindku spejga l-figuri preżentati fir-rapport billi qal kif għas-sena 2021 il-kunsill ser ikollu dħul totali ta' €353,525. Ħafna minn dan id-dħul jikkonsisti mill-allokazzjoni tal-Gvern, umbgħad hemm dħul minn bye-laws u permessi, dħul minn ċitazzjonijiet u dħul ġenerali ieħor. Huwa kompla jispjega kif il-kunsill ser ikollu nefqa totali ta' madwar €358,880, li din tikkonsisti fi pagi u allowances, servizzi u manutenzzjoni, infieq relatat mal-operat tal-amministrazzjoni u nfieq ġenerali ieħor. Dan jirriżulta fi deficit ta' €5,355. Pero minkejja dan is-Sindku tenna kif dan id-deficit m'għandhux jkun ta' nkwiet meta wieħed anke jżomm f'rasu kif il-kunsill pereżempju għadt jrid jiġbor flus dovuti lilu li għadhom pendenti ma' Wasteserv relatati mal-ġbir tal-borża tal-iskart organiku. Dawn id-dħul ta' flus la darba jidħlu ser jagħmlu tajjeb għal dan id-deficit, peress li l-ammont

pendenti mhux wieħed żgħir meta wieħed iqies li l-pagamenti qegħdin lura b'sena u fuqhom. Mill-figuri tas-sena 2021 l-accountant tal-kunsill umbgħad ipproġġetta l-figuri ta' kif ser ikunu bejn wieħed u ieħor għall-erba snin li ġejjien.

1.3.2.1 <u>Rapport Finanzjarju 2020</u>

It-Tieni rapport li ġie ppreżentat mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-kunsill kollu kien ir-Rapport Finanzjajru għas-sena 2020.

1.3.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dan ir-rapport kull sena jiġi ppreparat inkonnessjoni mal-accounts tal-kunsill u kif għandu jkun biex ikun jista jiproċedi l-proċess tal-audit fl-uffiċċju. Filfatt l-figuri ta' dan ir-rapport ġew ippreparati mill-*accountant* tal-kunsill. Is-Sindku spjega kif b'permezz ta' dan ir-rapport wieħed jista jifhem aktar kif opera l-kunsill u qassam il-finanzi tiegħu fis-sena 2020. Dan ir-rapport juri biċ-ċar xi dħul kellu l-kunsill u anke juri l-ispejjeż li huwa għamel fuq diversi servizzi, li dejjem jiġu mgħottija kull sena għal benefiċċju tal-lokal. Dan ir-rapport jirrifletti l-operazzjonijiet tal-kunsill tas-sena 2020.

1.3.3.1 <u>Rapport Amministrattiv 2020</u>

It-tielet rapport li ġie ppreżentant mis-Segretarju Eżekuttiv kien ir-rapport amministrattiv għas-sena 2020 li ġie kkumpilat minnha stess. Is-Sindku ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u faħħarha fuq il-punt li hija preparat dan ir-rapport b'reqqa u bi preċizzjoni fejn anke ħadet il-ħin tinkludi ritratti nkonnessjoni mal-ħidma u l-operat tal-kunsill. Huwa qal li kull min jixtieq kopja ta' dan r-rapport bil-qalb kollha jista jibgħat imejl lil kunsill bit-talba li tintbgħatlu kopja elettronika. Dan ir-rapport jista anke jiġi aċċessat onlajn fuq is-sit uffiċċjali tal-Gvern Lokali.

1.3.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fil-qosor kif dan ir-rapport jagħti rendikont tal-operat tal-kunsill tul is-sena 2020 u kif minkejja l-pandemija ta' covid 19 tista tgħid li l-kunsill xorta baqa għaddej bil-laqgħat u bil-ħidma tiegħu bl-aħjar mod possibbli biex jibqa viċin tar-residenti tiegħu. Hija kompliet tgħid kif dan ir-rapport huwa maqsum fi ħames partijiet. L-ewwel parti tar-rapport tagħti stampa ċara tan-nies li hemm assenjati mal-kunsill, b'informazzjoni dwar min huma s-sindku u l-kunsilliera, l-amministrazzjoni f'min tikkonsisti inkluż ħaddiema u nies professjonali oħra. Wieħed jinżamm aġġornat ukoll dwar kemm ġew imħejjija laqgħat tal-kunsill.

1.3.3.3 It-Tieni parti tar-rapport titrattta aktar speċifikament fuq il-ħidma tal-kunsill inkluż servizzi li ngħataw tul is-sena u kif ukoll xogħolijiet u proġetti li twettqu. Fost is-servizzi li ngħataw bħal kull sena oħra nsibu: s-servizz tal-ġbir tal-iskart, l-ġbir tal-iskart goff, is-servizz tal-knis, servizz tal-manutenzzjoni tal-ġonna, tiswija ta' manutenzzjoni fit-toroq u sinjali ġodda tat-traffiku, servizz tal-vaċċin tal-influenza etc. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil l-istaff kollu tal-kunsill tal-paċenzja li huma kuljum jieħdu biex iżommu kuntatt kontinwu mal-kuntratturi kemm il-darba jkun hemm problema b'xi wieħed minn dawn is-servizzi biex kemm jista jkun ir-resident dejjem jkun moqdi b'servizz eċċellenti mingħajr inkonvenjenzi. F'din il-parti hemm inkluż ukoll diversi skemi li l-kunsill applika għalihom biex ikunu jistgħu jitwettqu diversi proġetti fir-raħal fosthom: l-Miżura 4.4 tat-tranġar tal-ħitan tas-sejjieħ, LC care grant scheme biex tingħata għajnuna lil cat feeders tar-raħal, bi skema oħra saret implementazzjoni ta' sistema ta rrigazzjoni fil-ġnien, ingħatat għajnuna lir-residenti fi żmien il-pandemija bl-għajnuna tar-reġjun ċentru, fejn l-ewwel ingħataw covid packs umbagħad ingħataw maskri lir-residenti etc etc. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif f'din il-parti tar-rapport wieħed jista anke jsib informazzjoni dwar żewġ avvenimenti li dejjem itella l-kunsill li huma Jum Ħal Lija u l-festival taċ-ċitru.

1.3.3.4 Mit-tielet parti tar-rapport, is-sinjorina Borg spjegat kif wieħed jista jikseb informazzjoni fid-dettal dwar il-finanzi tal-kunsill għaliex hemm spjegat l-iskeda tad-dħul u l-infiq li kellu l-kunsill għas-sena 2020. Wara din il-parti, ir-raba parti, hemm anness diversi ritratti li propju jirriflettu ftit mill-ħidma tal-kunsill u l-proġetti li twettqu kif hemm spjegat tul dan ir-rapport. U fl-aħħarnett kif rikjest skond Kap 363 hemm inkluż mar-rapport, ir-rapporti individiwali tas-sindku u l-kunsilliera li jispjegaw l-ħidma tagħhom fis-sena 2020 abbażi tad-delegi li huma għandhom fir-responsabbilta tagħhom bħala kunsilliera.

## 1.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.4.1 <u>Mistoqsija fuq Triq il-kbira</u>

Residenta staqsiet jekk hemmx xi pjan li jsir wiċċ ġdid għal Triq il-Kbira, speċjalment il-parti fejn hemm is-sala Villa Lia għax it-triq għandha stat ħażin ħafna.

1.4.2 Is-Sindku wieġeb kif il-kunsill iva talab lil Infrastructure Malta biex jingħata wiċċ ġdid għal Triq il-Kbira minn ħdejn l-ispiżerija sa fejn l-istatwa ta' San Ġużepp. Il-Kunsill anke talab biex Triq Ramiro Barbaro ukoll tingħata

wiċċ ġdid bit-tarmac. Is-Sur Dalli qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru anke l-uffiċini ta' Infrastructure Malta fejn tkelmu ma' CEO dwar dan, is-Sur Fredrick Azzopardi. Is-Sur Azzopardi wiegħed lil kunsill li kemm Triq il-Kbira u kif ukoll Triq Ramiro Barbaro ser jingħataw wiċċ ġdid pero meta dawn ser isiru eżatt, l-kunsill qatt ma ingħata risposta ċara. Il-Kunsill jibgħat diversi reminders lil IM biex dawn it-toroq isiru malajr kemm jista jkun. Sakemm triq il-Kbira issir minn IM, is-sindku qal kif l-kunsill ser jibqa jagħmel minor patching u jimla kemm jista jkun toqob mill-aħjar kif dejjem għamel. Triq il-kbira hija waħda mill-prioritajiet tal-kunsill anke minħabba l-problema tal-għargħar u għalhekk is-Sur Dalli aċċerta lir-residenta li huwa ser jibqa jiġri wara IM sakemm issir it-triq.

1.4.3 Is-Sindku kompla jgħid kif Infrastructure Malta baqala ukoll tagħti wiċċ ġdid bit-tarmac fi Triq is-Salvatur, għax din kienet waħda mit-toroq mniżżla fil-lista, dan meta l-Gvern ħabbar li uċuħ ta' toroq ġodda m'għadhomx taħt ir-responsabbilta tal-kunsill u għalhekk Infrastructurte Malta kienet ħabret li ser tirranġa bosta toroq madwar Malta, inkluż Triq is-Salvatur.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kunsilliera u lil kull min kien preżenti għal din il-laqgħa. Huwa tenna lil kulħadd biex kemm jista jkun jieħdu ħsieb saħħithom f'dawn iż-żminijiet koroh li ġabet magħha din il-pandemija u j'Alla li l-laqgħa tal-pubbliku li jmiss tkun tista ssir b'mod normali. Is-sindku anke ħa l-opportunita li jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li hija tiproduċi fuq bażi ta' kuljum inkluż tħejjija ta' ċertu rapporti li jieħdu l-ħin biex jiġu ppreparati. Is-Sur Dalli talab lis-Sinjorina Borg biex tgħaddi l-messaġġ tiegħu ta' ringrazzjament lil kumplament tal-istaff tal-ħidma kontinwa tagħhom ukoll.

Il-laqgħa ntemmet fi 7:16PM.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |